MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2007

Numru 546/2006

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Cordina)

vs

Richard Mercieca

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat ta' karta ta' identità numru 324466(M) akkuzat talli:

1. Fil-21 ta' April 2006, f'Birkirkara xjentament qeghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija u cioè DVD's, CD's b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq.

2. Fl-istess cirkustanzi, bi qligh jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika, jew mod

iehor irripproduca jew ikkoppja, jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex jitqassam, DVD's, CD's jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra protetti bil/jew taht il-ligi ta' Malta.

3. Fl-istess cirkustanzi, bil-ghand li jiehu vantagg ghalih jew ghal haddiehor, jew bil-hsieb li jikkaguna telf lil xi persuna ohra, u minghajr il-kunsens tal-propjetarju, applika fuq oggetti jew fuq l-ippakkjar taghhom sinjal identiku ghal, jew li x'aktarx jithawwad ma' xi trademark registrata.

B'hekk kiser il-provedimenti dwar sentenzi sospizi, Artikolu 28° tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq sentenza mill-Qorti tal-Magistrati tat-13 ta' Ottubru 2005 liema sentenza hija definittiva u ma tistax tinbidel.

Talli b'hekk sar recidiv ghat-termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li gie kkundannat ghal reati b'diversi sentenzi mill-Qrati tal-Magistrati li saru definittivi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet lill-imputat f'din l-ewwel udjenza jirregistra ammissjoni fl-liema ammissjoni huwa insista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Ikkonsidrat:

Li l-akkuzi ikkontestati lill-imputat huma dawk ta' qerq fl-industrija , ksur tad-drittijiet tal-awtur u li huwa recidiv oltre li kiser il-provvedimenti sospizi.

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat qeghdha ssibu hati tal-akkuzi kif migjuba kontra tieghu.

Rat l-Artikolu 28A, 49, 50, 298(1), 289B tal-Kap 9 u l-Artikolu 3 tal-Kap 416, tikkundannah Lm500 multa pagabbli b'Lm15 kull xahar l-ewwel pagament sal-ahhar ta' Frar 2007 u b'pagamenti konsekuttivi u ininterrotti kull

l-ahhar ta' kull xahar sussegwenti bid-dekadenza fin-nuqqas konvertibbli fi tlett xhur prigunerija.

Dwar l-akkuza li kiser il-provedimenti ta' sentenzi sospizi senjatament dik ta' din il-Qorti diversament preseduta tat-13 ta' Ottubru 2005 tordna li l-perjodu sospiz jigi estiz ghal sena ohra mil-lum.

Tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tal-oggetti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------